

32003D0023(01)

L 9/40

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

15.1.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tat-18 ta' Diċembru 2003****li temenda d-deċiżjoni BĊE/2001/15 tas-6 ta' Diċembru, 2001, dwar il-ħruġ tal-karti tal-flus ewro****(BĊE/2003/23)****(2004/49/KE)**

IL-KUNSILL REGULATORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunita` Ewropea, partikolarment l-Artikolu 106(1), u l-iStatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 16,

Artikolu 1

L-Emendi għad-Deċiżjoni BĊE/2001/15

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BĊE/2001/15 tas-6 ta' Diċembru, 2001, dwar il-ħruġ tal-karti tal-flus ewro ⁽¹⁾,

Id-Deċiżjoni BĊE/2001/15 hija emendata kif ġej:

Billi:

1. L-Artikolu 1(ċ) huwa sostitwit b' li ġej:

(1) L-Artikolu 1(ċ) tad-Deċiżjoni BĊE/2001/15 "l-iskema tal-kapital sottoskritt" jiddefiniha b'referenza għad-Deċiżjoni BĊE/1998/13 ta' l-1 ta' Diċembru, 1998, dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽²⁾.

"(ċ) 'l-iskema tal-kapital sottoskritt' għandha tfisser l-ishma tal-BĊNi (irrappreżentati bħala persentaġġi) fil-kapital sottoskritt tal-BĊE, li jirriżultaw mill-applikazzjoni għall-BĊNi tal-proporzjonijiet fl-iskema msemmija fl-Artikolu 29.1 ta' l-iStatut u kif applikabbli għas-sena finanzjarja relevanti;"

(2) L-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni BĊE/2001/15 "l-iskema tad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus" jiddefiniha b'referenza għall-Anness mad-Deċiżjoni BĊE/2001/15 li jispeċifika l-iskema li tapplika fl-1 ta' Jannar, 2002.

2. L-Artikolu 1(d) huwa sostitwit b' li ġej:

(3) Id-Deċiżjoni BĊE/2003/17 tat-18 ta' Diċembru, 2003, dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽³⁾, tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/1998/13 b'effett mill-1 ta' Jannar, 2004, u tistabbilixxi l-proporzjonijiet il-ġodda assenjati lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE.

"(d) 'l-iskema tad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus' għandha tfisser il-persentaġġi li jiderrizultaw mill-kunsiderazzjoni tas-sehem tal-BĊE fil-ħarġa totali tal-karti tal-flus ewro u mill-applikazzjoni ta' l-iskema tal-kapital sottoskritt (aġġustat għall-eqreb multiplu ta' 0,0005 punt perċentwali) għas-sehem tal-BĊNi f'dan it-total. Meta l-persentaġġi riżultanti ma jammontawx għall-100 %, id-differenza għandha tiġi kumpensata kif ġej: (i) jekk it-total ikun anqas minn 100 %, billi jiżdied 0,0005 ta' punt perċentwali ma' l-iżgħar sehem (ishma) fordni axxendenti sakemm jintlaħaq il-100 % eżatti, jew (ii) jekk it-total ikun iżjed minn 100 %, billi jitnaqqas 0,0005 ta' punt perċentwali fordni dixxendenti mill-akbar sehem (ishma) sakemm jintlaħaq il-100 % eżatti. L-Anness ma' din id-Deċiżjoni jispeċifika l-iskema tad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus applikabbli mill-1 ta' Jannar, 2004."

(4) Id-Deċiżjoni BĊE/2001/15 trid tiġi emendata f'dan is-sens biex tiddetermina l-iskema tad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus applikabbli mill-1 ta' Jannar, 2004. L-emenda għandha tintroduċi wkoll definizzjoni ġenerali tat-terminu "skema tal-kapital sottoskritt", biex tevita l-hteġa ta' emendi futuri għad-Deċiżjoni BĊE/2001/15 kull darba li tiġi aġġustata l-iskema kapitali tal-BĊE,

3. L-Anness mad-Deċiżjoni BĊE/2001/15 huwa sostitwit bit-test approvdut fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 337, ta' l-20.12.2001, p. 52.

⁽²⁾ ĠU L 125, tad-19.5.1999, p. 33.

⁽³⁾ ĠU L 9, ta' l-15.1.2004, p. 33

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet Finali

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2004.
2. Din id-Deċiżjoni se tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fit-18 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kunsill Regulatorju tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

ANNEX

SKEMA TAD-DISTRIBUZZJONI TAL-KARTI TAL-FLUS FL-1 TA' JANNAR, 2004

	(%)
Il-Bank Ċentrali Ewropew	8,0000
Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	3,2690
Deutsche Bundesbank	27,0365
Bank of Greece	2,4970
Banco de España	10,1430
Banque de France	19,0815
Central Bank and Financial Services Authority of Ireland	1,1845
Banca d'Italia	16,8345
Banque centrale du Lussemburgu	0,1975
De Nederlandsche Bank	5,1205
Oesterreichische Nationalbank	2,6590
Banco de Portugal	2,3255
Suomen Pankki	1,6515
Total	100,0000